# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 27 ta' Mejju 2002**

**Avviz. numru 2/98**

**Numru 29**

**Anthony Fabri ghall-Untours Insurance (Agents and Brokers) Ltd u din ghall-Qatar Insurance Company kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet ta' Alex Zammit u l-istess Alex Zammit.**

**vs**

**Emmanuel Pace**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kunannat li jhallas lill-istess attur nomine et is-somma ta' Lm946.59c (jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti occorrendo bl-opra ta' periti nominandi) danni subiti mill-istanti in segwitu ghal incident stradali li gara Santa Venera fid-9 ta' Mejju 1997 bejn car IAZ 713 misjuqa mill-

konvenut u car FAB 392 misjuqa minn Oliana Zammit u assikurata b'polza comprehensive minn Anthony Fabri noe. Prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes komprizi Lm10.75 tal-ittra ufficjali tad-19 ta' Awwissu 1997, dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 104 u bl-imghax minn notifika ta' l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u li biha eccepixxa (fol 2 tal-atti):

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-avviz ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija tal-assikurat tal-attur li imhabba negligenza u inosservanza tar-Regolamenti tat-traffiku habat mall-vettura Nru IAO 713 misjuqa mill-eccipjenti bir-risultat li kkagunat hsarat fil-vettura tal-eccipjenti, dana kollu kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut in linea ta' danni lill-atturi, liema

danni kif pretizi huma f'kwalunkwe kaz ezagerati, u ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, f’dan l-incident, kienu involuti zewg vetturi cjoe karozza tal-marka “Fiat Punto” numru FAB 392 misjuqa minn Oliana Zammit oht l-attur Alex Zammit, l-assikurat u “van” tal-marka Toyota numru IAO 713 misjuqa mill-konvenut.

Illi, in rigward il-lokalita’ tal-incident in esami, din tinsab f’Santa Venera vicin l-Ghassa tal-Pulizija tal-lokal, f‘St Joseph High Road, (Strada Rjali) kantuniera ma Triq l-Imsida (Msida Road), bhala Triq laterali, b’sinjal ta’ “stop” fuq din it-Triq kif ukoll imwahhal mal-hajt.

Ikkunsidrat

Illi Oliana Zammit (fol 13 et seq ibid) li hi kienet qed issuq, wahedha, l-imsemmija karozza f'St Joseph High Road, gejja ghan-nizla mid-direzzjoni tar-"roundabout" ta' Santa Venera. Fuq in-naha tax-xellug taghha, oltre l-Ghassa tal-Pulizija indikata kien hemm it-triq laterali b'sinjal ta' "stop" gja msemmija minn fejn hareg il-"van" misjuq mill-konvenut. Meta rat l-istess "van" hekk hiereg hi ghafset il-pedala tal-"brake" u, filfatt, ammettiet li halliet marki ta' "brakes" wara l-karozza taghha "pero' dawn ma humiex twal". In konnessjoni ma' dan il-punt hi, ulterjorment, xehdet "Jiena bdejt innaqqas hafna minn qabel. Jiena nghid l-"brake marks" li hallejt ma' kienux twal mitt pied" izda "madwar sittin pied". In rigward il-velocita' taghha hi semmiet, biss, li kienet qed issuq "bejn 30 u 35 pero ma nistax nghid jekk kienux kilometri jew mili". Jinghad ukoll li hi semmiet, fl-istess xhieda taghha, illi "… jiena paqpaqt il-"horn" peress li ghandi dan il-vizzju" u "kien bnazzi u lanqas kien dalam".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, da parti tieghu, sostna (fol 31 u 32 ibid) li kif kien hiereg mit-triq laterali, b'van parkaggat mal-bankina fuq il-lemin tieghu fejn hemm l-imsemmija ghassa, "Jiena hrigt u waqaft u harist l-isfel u l-fuq sabiex nara minn gej" . Waqt li (ghadu

wieqaf) kien qed jhares fid-direzzjoni tal-Hamrun cjoe lejn ix-xellug tieghu, "giet karozza ohra, smajt qiesu bhal "brake" u dahlet fuqi". Hawnhekk hu ssottolinea li "… kull ma hrigt kien xi ftit peress li kien hemm dak il-"van" parkeggat fuq il-lemin tieghi".

Ikkunsidrat

Illi l-incident in esami gie investigat minn PS 1401 Joseph Pisani (fol 24 ibid) li esebixxa l-iskizz u rapport a fol 26 u 27 tal-atti. Fuq l-iskizz jidher, oltre l-lokalita tal-incident, il-posizzjoni tal-vetturi wara l-incident. In rigward dan il-punt, il-konvenut sostna li l-vettura tieghu ma kienetx daqshekk il-barra mit-triq laterali minn fejn kien hiereg. Inoltre hu kien ikkalkola li l-"brakemarks" wara l-karozza misjuqa minn Oliana Zammit kienu twal aktar minn mitt pied. Difatti wara din il-karozza jidhru "brake marks" pjuttost twal. In rigward ir-rapport. Oltre il-versjoni rispettiva sottomessa mill-partijiet involuti, jissemma fl-istess rapport li, barra mill-ghassa, kien hemm PC 1243 li kien qal li "ra l-Fiat izzomm brake qawwi u l-habta ssir". Dan il-Pulizija, pero', filfatt ma kienx xehed f'dawn il-proceduri avolja mharrek (ara fol 21 ibid).

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li dan l-incident gie kagunat minn zewg fatturi determinanti:

1) In-nuqqas da parti tal-konvenut tad-debita attenzjoni qabel ma hareg minn triq laterali ghal wahda principali. Filfatt, f'dan il-kaz, il-vizwali tieghu lejn il-lemin kienet ostakolata, xi ftit, mill-van parkeggat u minhabba dan il-fatt, li l-konvenut kellu juza aktar attenzjoni u prudenza.

2) Ma hemm ebda dubbju li, Oliana Zammit kienet qed issuq b'velocita eccessiva ghall-lokalita in kwistjoni u tali imprudenza da parti taghha, certament, ikkontribwiet sabiex jsehh dan l-incident.

Ikkunsidrat

Illi, tenut kont ta' dak kollu premess, hu inevitabbli f'dan il-kaz, li r-responsabilta' ta' dan l-incident trid tigi akkollata lill-partijiet involuti f'dan il-kaz, b'mod ugwali bejniethom.

Ikkunsidrat

Illi l-ammont ta' danni ma giex kontestatat b'xi prova kontrarja. Dawn gew dokumentati kif jidher a fol 16 sa fol 19 tal-atti.

Ghal dawn il-motivi tilqa "in parte" it-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala ko-responsabbli ghall-incident in esami minhabba imperizja, negligenza, imprudenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut fil-grad premess;

2. tillikwida l-ammont komplessiv ta' danni fis-somma ta' Lm946.59,0 u;

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine is-somma ta' Lm473.29,0 bl-imghax legali millum stess sad-data tal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes dawn jithallsu nofs (1/2) kull wiehed mill-partijiet.

Alan Calleja
Deputat Registratur